# Tifkira tal-250 Sena Mill-Konsagrazzjoni Tal-Knisja Parrokkjali

## u l-inawgurazzjoni tar-Restawr tal-Pittura fl-Arzella Tal-Kurċifiss.



*Nhar l-10 ta' Mejju 1994 il-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun għalqet 250 sena kkonsagrata bħala post speċjali ta' talb u qima lil Alla. F'din l-okkażjoni saret konċelebrazzjoni solenni mmexxija minn Mons. Annetto Depasquale, Vigarju Ġenerali u għadd sabiħ ta' saċerdoti.*

*Mons. Depasquale spjega kif din il-knisja mibnija b'ħafna sagrifiċċji minn missirijietna hija d-dar tagħna; id-dar fejn aħna ninbnew f'ġebel ħaj bħala nsara permezz tal-Kelma ta' Alla u ta' l-Ewkaristija. Bis-sagramenti, u bl-imħabba ta' bejnietna aħna nsiru l-familja ta' Alla li qed isejħilna biex inkunu lkoll ikkonsagrati lilu, jiġifieri nsiru qaddisin.*

**Għal din l-okkażjoni kienu mistiedna ż-Żwieten kollha. Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali stieden ukoll lis-Sur Sindku taż-Żejtun flimkien mal-Kunsill Lokali, u l-Kumitati tal-Banda Beland, il- Banda Żejtun, u l-Kumitati tal-Każini Politiċi taż-Żejtun.**

**Wara l-Konċelebrazzjoni saru dawn iż-żewġ diskorsi ta' tifkira mir-Rev. Kan. Joe Abela u Mis-Sinjorina Ġemma Cachia, Chairman tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali.**

### Id-diskors tal-Kan Joe Abela.

### L-Iskrizzjoni Kommemorattiva.

"Qegħdin mela l-lejla nfakkru għeluq il-250 sena mill-konsagrazzjoni ta' din il-knisja parrokkjali tagħna taż-Żejtun u nikxfu l-Arzella tal-Kurċifis, li għadha kemm ġiet restawrata.Kitba qasira bil-Latin fuq l-antiporta ħdejn l-artal ta' San Mikiel tgħid kif nhar l-10 ta' Mejju,1744,l-Isqof Alpheran de Bussan ikkonsagra solennament din il-knisja ddedikata lill-Verġni u Martri Santa Katarina,u mibnija bil-ġenerożita' ta' Girgor Bonniċi u bl-entużjażmu taż-Żwieten u l-kappillani tagħhom. Il-Konsagrazzjoni mela saret eżattament bil-ġurnata,bħal lum 250 sena ilu.

**Il-Knisja Forma ta' salib**

Ta' min jgħid li din il-kitba jew ma saritx mill-ewwel,jew ġiet maqlugħa minn xi mkien ieħor fil-knisja u mwaħħla hemm aktar tard,għliex fl-1744 in-navi tal-knisja kien jonqoshom aktar minn 30 sena biex jibdew jinbnew, u allura dik il-parti tal-faċċata tal-knisja kienet għadha ma teżistix. Din il-knisja mela,meta ġiet ikkonsagrata,kien għad kellha forma ta' Salib, bħalma għadna naraw sal-lum il-knisja ta' San Girgor. Kienet tikonsisti biss fil-kursija, il-kor u ż-żewġ kappelluni. Dan iffisser li fejn il-lum naraw l-ewwel u l-aħħar stazzjonijiet tal-Via Sagra kien hemm biebien li jagħtu għall barra. L-Oratorju iżda, li beda jinbena fl-1748, kien diġa' tiela' gmielu. Tant hu hekk, li sa sentejn wara, kien diġa' mibni kollhu. Irridu niftakru li l-Oratorju nbena mill-Fratellanza tas-Sagrament, li f-dawk iż-żmenijiet kienet ħabrieka ħafna.

**Il-Popolazzjoni taż-Żejtun.**

Iż-Żejtun kien jikkonsisti fi ftit irħula żgħar: Bisqallin u Tmin li kienu jikkomponu ir-Raħal t' Isfel tal-lum, Ħal Bisbut u Ħal Ġwann, li kienu jikomponu r-Raħal ta' Fuq tal-lum; u Marsaxlokk li kien jonqsu 153 sena biex jinqatgħa miż-Żejtun. Il-bqija tar-Raħal kien għadu mhux mibni. Fiż-Żejtun kollu kienu jgħixu anqas minn 3000 ruħ. Ma ninsewx li l-lum ħawn aktar minn !2,000. F' din il-knisja parrokkjali kienu jeżerċitaw il-ministeru saċerdotali tagħhom ftit anqas minn 20 qassis, fosthom Dun Ċirillu Formosa u Dun Gwann Mifsud, iż-żewġ prokuraturi li ħames snin biss qabel kienu ħadu ħsib li tiġi mpittra l-Arzella tal-Kurċifiss.

- ikompli paġna 5



**L-Isqof Alpheran de Bussan**

L-Isqof li kkonsagra l-knisja mela kien il-Franċiż Paulus Alpheran de Bussan li qabel ma sar Isqof ta' Malta, kien kappillan ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Kien ilu Isqof 16 il-sena. Kien isqof ħabrieki li tħabat ħafna għall-ġid tal-Knisja Maltija. Kellu ħafna għal qalbu l-Kleru, tant li kien hu li bena fl-Imdina s-Seminarju, li llum hu wżat bħala Mużew tal-Kattidral. Barra din il-Knisdja taż-Żejtun, hu kkonsagra diversi knejjes oħra f'Malta u Għawdex, li f'dak iż-żmien kien għadu parti mid-Djoċesi ta' Malta. Hu rregala ħafna doni prezzjużi lill-Kattidral ta' l-Imdina u, meta miet fl-1757, qalbu ġiet ippreservata fis-seminarju li hu stess kien bena.

**Il-Ħidma Sfiqa tal-Kappillani**

Il-kappillan taż-Żejtun fl-1744 kien Dun Indri' Xuereb mir-Rabat. Fil-fatt Dun Indri' kien ilu kappillan taż-Żejtun sena biss u kienu l-Kappillani ta' qabli li l-aktar li ħadmu biex bnew u żejnu dan it-tempju. Mhux ta' b'xejn li l-kitba li semmejna fil-bidu tirreferi għall-entużjażmu tal-kappillani! Fosthom infakkru lill-maħbub Żejtun Dun Ugolin Bonniċi, li mhux biss beda l-bini ta' din il-knisja fl-1692, iżda wkoll ra l-kursija lesta, u beda juzha bħala knisja parrokkjali; lill-Bormliż Dun Anton Gafa', li tħabat ħafna għall-bini ta' din il-knisja, tant li kien fi żmien il-21 sena tal-parrokkat tiegħu li din il-knisja ħadet il-forma ta' salib u wara setgħet tiġi kkonsagrata; lill-Vittorjożan Dun Lawrenz Mallia, li bħala viċi-parrokku kellu sehem kbir fit-tiżjin tal-kor bil-pittura tal-kwadru ta' l-altar ta' Santa Katarina u ż-żewġ kwadri laterali; u lill-Belti Dun Ġann Patist Sagona, li fl-1739 l-1740 rregalalna l-aqwa opri ta' pittura li għandna f'din il-knisja - l-arzella tal-Kurċifiss u tar-Rużarju. Ta' Dun Indri' Xuereb , barra l-konsagrazzjoni ta' din il-knisja, baqagħlna tifkira viżibbli oħra: il-kwadru l-qadim ta' l-Oratorju li qiegħed fil-Mużew Parrokkjali. Kien hu li ħallas għalih, kif tixhed il-kitba fil-kwadru stess.

**Pika fejjieda bejn Buhagiar u Zahra**

It-tieni ħaġa li qegħdin nagħmlu l-lejla hi l-inawgurazzjoni tal-pittura fl-arzella tal-kurċifiss, wara li ġiet restawrata mill-bravu restawratur Żejtuni Manwel Zammit, li rnexxielu jikxef mill-ġdid is-sbuħija oriġinali tal-pittura.

Ġann Nikol Buhagiar, li biż-żwieġ kien imħallat ma' Francesco Zahra, l-awtur ta' l-arzella tar-rużarju, pitter l-arzella tal-kurċifiss fl-1739, kif jidher minn kitba fl-arzella stess, u fik jien irnexxili nikkonferma mill-arkivji tal-parroċċa. M'hemmx dubju li dawn iż-żewġ pitturi magħrufin daħlu f'pika fejjieda bejniethom, u diffiċli tgħid min minnhom għamel l-aqwa opra, tant huma artistikament tajbin iż-żewġ arzelel li pittru.

F'din il-knisja l-istudjużi ta' l-arti ekklesjastika Maltija għandhom l-isbaħ opportunita' li jqabblu l-kapaċita' u t-teknika ta' dawn iż-żewġ pitturi rinomati Maltin tas-seklu XVIII. It-tnejn li huma imitaw lil famuż Mattia Preti, li fis-seklu ta'

(minn paġna 5)
qabilhom kien pitter is-saqaf tal-konkattidral ta' San Ġwann biż-żebgħa taż-żejt direttament fuq il-ġebla.

**Ix-xogħol ta' Restawr**

Fi Kliem Manwel Zammit innifsu, ix-xogħol ta' restawr kellu jimxi bil-mod, peress li matul is-snin ċerti kuluri tilfu s-saħħa tagħhom minħabba l-moffa li trabbiet maż-żmien u li kienet ikkawżata mill-ilma tax-xita li kien jidħol u jċarċar ma' partijiet kbar ta' arzella. Zammit kellu jissoda l-kuluri b'kimika li tippenetrahom u terġa tagħtihom id-dehra sabiħa ta' qabel u fuq kollox terġa twaħħalhom mal-ħajt.

**Ġesu' Kristu Feddej tal-Bnedmin**

Is-suġġett tal-pittura hu Ġesu' Kristu Feddej, għalhekk ix-xbiha ta' Ġesu' mejjet tokkupa l-post ċentrali fl-arzella, b'tali mod li l-ħarsa ta' l-ispettatur tinġibed mill-ewwel għal fuq Ġesu'. Ix-xbiha ta' Ġesu' qegħda fuq triangolu ta' dawl li jfakkarna fit-Trinita' Qaddisa, u hi mdawra bi xbiha ta' serp f'forma ċirkulari, li hi simbolu ta' l-eternita'. Taħt Ġesu' mejjet naraw is-simboli tal-Passjoni, bħas-salib u l-kalċi, imqegħda fuq altar, li mdawwar bis-simboli ta' l-erba' evanġelisti.

**Bis-saħħa ta' Imħabba Kbira Tiegħu**

Fl-opinjoni tiegħi iżda, il-pittur ġabar il-qofol tal-messaġġ tiegħu fis-silta li għażel mill-ittra ta' San Pawl lill-Efesin - "Propter nimiam charitatem suam" - silta li hu qiegħed fin-nofs eżatt taħt il-pittura kollha u fuq il-gwarniċun tal-knisja. Kien "bis-saħħa ta' l-imħabba kbira li biha ħabbna" meta aħna konna għadna mejtin fi dnubietna il-Mulej tagħna ħajja ġdida permezz ta' Ibnu Ġesu'.

**Il-Profeti tal-Patt il-Qadim**

Parti wisq sabiħa ta' l-arzella huma ż-żewġ taqsimiet marbutin mal-passjoni ta' Ġesu'. Siltiet mill-Kotba Mqaddsa jgħinu lill-min iħares jidentifika malajr il-figuri. Hekk naraw lil Danjel ma' ljun, lis-sultan David bil-kuruna u bl-arpa, lill-eżekjel, it-tielet mill-profeti l-kbar, lil Iaija bl-anġlu jmisslu l-faħma tikwi ma' xofftejh, lil Noe viċin l-arka u bil-qawsalla fuqu, u lil Għabdija, ir-raba' mill-profeti ż-żgħar.

*Hekk il-ħarsa tagħna ddur mill-ġdid lejn Ġesu' fiċ-ċntru ta' l-arzella. Hu Ġesu i jgħaqqad kollox flimkien. Hu s-salvatur tagħna li fiH ġew imwettqa l-profeziji tal-Patt il-Qadim. In-nisrani veru hu dak li lil Ġesu' jqegħdu fiċ-ċentru ta' ħajtu."*

## Id--Diskors ta' Miss Ġemma Cachia

"W.R. Monsinjur Vigarju, Reverendi Saċerdoti, Sur Sindku, Sinjuri:

L-okkażjoni tal-lum ġġibli f'moħħi żewġ rejaltajiet li qed ngħixu dawn iż-żminijiet: ir-rejalta' tal-familja li din is-sena , is-sena nternazzjonali tal-familja li fiha l-pajjiżi kollha tad-dinja qegħdin isegwu mill-qrib, jistudjawha u jivvalutawha; u r-rejalta' l-oħra li s-soċjeta' tiffċċja l-ħin kollu - il-problema tad-djar fejn jgħixu l-familji, l-aktar il-familji ġodda.

Id-dar mhix il-familja u anqas ma' tagħmel il-familja. Id-dar tista' wkoll kultant tkun il-kawża ta' nuqqas ta' qbil u tensjonijiet fil-familja. Iżda hi rejalta' li kull familja teħtieġ dar. Dar li mhux biss toffri kenn. imma lok fejn il-familja tikber flimkien fl-għaqda, fl-imħabba u fir-rispett lejn kull membru tagħha.

250 sena ilu, l-antenati tagħna ż-żwieten, wara li b'ħafna tbatija u sagrifċċji, iżda b'imħabba kbira bnew dan it-tempju majestuż, huma kkonsagrawh lil Alla biex ikun il-post fejn il-komunita' nisranija, jew aħjar, il-familja ta' dawk li jemmnu, tiltaqa' biex titlob u tfaħħar lil Alla, u tikber flimkien fil-ħajja nisranija imdawla mill-għerf tal-Kelma Tiegħu. Mela dan it-tempju huwa d-dar komuni fejn tinġemgħa din il-familja taż-Żejtun.

Is-sisien li poġġew missirijietna għall-grazzja ta' Alla kienu sisien sodi u taw il-frott tagħhom. U Alla ħabbha bis-sħiħ lil din il-familja taż-Żejtun għax taha ħafna ġid: taha kappillani u Arċipricti ħabrieka u ta' eżempju nisrani, taha saċerdoti li fil-kwiet iqattgħu is-sigħat fil-qrar u fl-għajnuna lill-familji, oħrajn li ddedikaw il-ħidma tagħhom fost iż-żgħażagħ, jew l-emarġinati, jew il-persuni b'diżabilita'; oħrajn li qed jagħtu kontribut siewi fil-qasam intelletwali u kulturali ta' pajjiżna.

Lill-komunita' taż-Żejtun Alla l-Imbierek żejjinha wkoll b'għadd kbir ta' lajċi li għarfu s-sejħa tagħhom tal-magħmudija u lesti jservu lill-oħrajn f'qasam jew ieħor. Fost dawn insemmu l-għadd kbir ta' Katekisti, sebgħa gruppi ta' familji li jieħdu formazzjoni regolari u jgħinu fil-preparazzjoni ta' l-għarajjes, il-Movimenti u l-għaqdiet li fihom jiġbru mijiet ta' persuni, u l-voluntieri li jinpenjaw ruħhom ma' persuni anqas ixxurtjati.

Dan kollu qed ngħidu mhux b'xi ftaħir imma b'ringrazzjament u tifħir lil Alla li għoġbu juri din il-ħniena u mħabba lejn il-komunita' nisranija taż-Żejtun. F'isem din il-komunita' nitlob lil Mulej ikompli jżomm idejh fuqna lkoll ħalli nkomplu nikbru fil-għerf tal-Kelma Tiegħu, fl-għaqda ta' bejnietna, taħt il-ħarsien ta' Santa Katarina Verġni u Martri, qaddisa patruna tagħna.

(ikompli f'paġna 9)

(minn paġna 7)

Nixtieq ukoll nesprimi l-imħabba u l-għaqda li din il-komunita' tixtieq issaħħaħ mal-Knisja kollha ta' Malta fil-persuna ta' l-Arċisqof. Nixtiequ nwegħduh li se nagħmlu ħilitna kollha sabiex ftit ġimgħat oħra nċċelebraw festa tassew nisranija kif għallimna hu fl-aħħar ittra pastorali. Bl-għajnuna ta' Alla u bl-interċessjoni ta' Santa Katarina rridu nħabirku u ngħallmu liż-żgħar, u anke l-kbar, li l-imħabba lejn xulxin trid tiġi qabel il-pika, li l-festa qed nagħmluha biex nifirħu bħala aħwa mhux biex wieħed jidher aqwa mill-ieħor.
Mingħajr dan l-isforz kontinwu nistgħu nitfixklu u ninfirdu. Għal dawn l-aħħar ħames snin dejjem ħsibna biex nagħtu l-opportunita' lil min irid biex filwaqt li jiħraħ fil-festa, jagħti għajnuna lil min hu fil-bżonn. Dejjem kien hawn numru sabiħ ta' Żwieten li għandhom għal qalbhom aktar il-valuri tal-Vanġelu milli l-entużjażmu żejjed u d-divertiment, li qasmu ma' l-oħrajn minn dak li Alla pprovdielhom. Dawn kienu tfal, żgħażagħ u adulti.

Anke din is-sena nħossuna mqanqlin li nimxu f'din it-triq u bħala l-ewwel sinjal, jiena se noffri lilek Mons. Vigarju, f'isem ħuti ż-Żwieten kollha din is-somma ta' Lm100 biex jekk jogħġbok tgħaddiha lil xi opra ta' karita' fejn taħseb li hu xieraq.

**PALPRINT PRESS**

**BIR-ID-DEHEB**

**(QUDDIEM TAT-TYRES)**

***L-istamperija fejn issibu l-aħħar mudelli ta' Inviti tat-Tieġ u kull okkażjoni oħra, kif ukoll Souvenirs eċċezzjonali bi prezzijiet tassew kompetittivi.***

***Tel: 678609*** ***Fax: 678609***

**ROGER'S BAKERY**

**Kan. Dedomenico Street,**

**ŻEJTUN**

*PASTIZZI*,

PASTIZZI Żgħar Għall-Parties,

*PIZZA* Għall-Parties,

U

PASTIZZI FFRIŻATI

TEL: *694948*